9 ta' Jannar, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Albert Borg Falzon et.**

***versus***

**A.I.C. Joseph Salvino dei Conti Manduca et. (*)**

## Serviġi — Gratuwità — Parentela.

***Il-kumpens għal serviġi jista' jkun dovut mhux biss "jure actionis" (meta jkun pattwit), imma anki "officio judicis" (meta miċ-ċirkustanzi jkun jidher li min ipprestahom kellu l-intenzjoni li jitħallas tagħhom).***

***Il-prestazzjoni tas-serviġi mhix preżunta li saret gratuwitament, u l-intenzjoni tal-gratuwità u r-rinunzja għall-kumpens ma għandhomx jiġu akkolti faċilment.***

***Fil-ġurisprudenza aktar reċenti, il-preżunzjoni tan-"non-gratuwità" ġiet applikata anki meta s-serviġi jkunu ġew prestati bejn parenti, jekk ma jirriżultawx ċirkustanzi tali li jiġġustifikaw konkludentement il-gratuwità, sija pure minħabba relazzjonijiet ta' parentela.***

***Fil-każ preżenti d-domanda għall-kumpens għal serviġi ġiet riġettata, għax il-Qorti dehrilha illi fiċ-ċirkustanzi tal-każ (ta' serviġi reżi minn bint lil missierha) kien jidher illi l-attriċi, meta u fil-ħin li pprestat dawk is-serviġi, ma kellhiex intenzjoni li titlob il-ħlas ta' dawk is-serviġi.***

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, premessa kull dikjarazzjoni meħtieġa u mogħti kull provvediment li jkun hemm bżonn, u premess illi l-atturi rrendew serviġi u mantnew f'darhom lil Joseph dei Conti Manduca, missier il-konvenuti u missier l-attriċi, mill-15 ta' Diċembru 1945 sal-15 ta' Settembru 1946 fi żmien li l-istess Joseph Manduca kien marid fis-sodda; talbu li l-konvenuti jiġu kundannati minn din il-Qorti iħallsu fi kwoti ugwali lill-atturi żewġ terzi tas-somma li tiġi likwidata mill-istess Qorti, jekk hemm bżonn per mezz ta' periti, bħala dovuta lill-atturi għas-serviġi u

mantenimment fuq imsemmija, li jirriżultaw matul il-kawża. *Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali;*

***Omissis;***

**Ikkunsidrat;**

Illi minn żmien antik il-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna rriteniet illi l-kumpens għas-serviġi jista' jkun dovut mhux biss *"jure actionis", jew meta jkun pattwit,* imma **wkoll "officio judicis"**, jew meta mic-cirkustanzi jkun jidher car li min ipprestahom kellu l-intenzjoni li jitħallas għalihom. *Il*-prestazzjoni tas-serviġi mhijiex preżunta li tkun saret gratuwitament; u l-intenzjoni tal-gratuwità u *r-rinunzja għall*-kumpens ma għandhomx jiġu akkolti faċilment. Il-preżunzjoni tan-"non gratuwità" fil-ġurisprudenza anterjuri ġiet sostitwita bil-preżunzjoni kuntrarja fil-każ ta' serviġi bejn parenti, fejn is-serviġi ġew *ritenuti bħala prestati* "**familiaritatis causa**". *Imma fil-ġurisprudenza aktar reċenti, anki għar-ri*gward tal-parenti, ġie applikat il-prinċipju illi kwalunkwe serviġi jiġu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux ċirkustanzi tali li jiġġustifikaw konkludentement il-gratuwità, sija pure minħabba relazzjonijiet ta' parentela (P.A. 3. 10. 1935 "Mifsud vs. Briffa"; 12. 12. 1935 "Farrugia vs. Caruana");

*Illi fil-każ tas-serviġi li għall-kumpens tagħhom l-atturi* qegħdin jagħmlu dina l-kawża ma kien hemm ebda ftehim; u għalhekk il-kumpens għalihom jista' jkun biss dovut "officio judicis". Irid għalhekk jiġi eżaminat jekk l-atturi, meta daħħlu magħhom f'darhom lil Joseph Manduca, ipprestawlux serviġi, u f'każ affermattiv, jekk huma kellhomx intenzjoni li jitħallsu għal dawn is-serviġi;

*Ikkunsidrat;*

Illi però, din il-Qorti hija tal-fehma illi ma hemmx bżonn li ssir l-ewwel indaġini; għaliex jidher li l-atturi, "meta u fil-ħin" li ħadu f'darhom lil Joseph Manduca, ma kellhomx intenzjoni li jitħallsu għas-serviġi li huma setgħu pprestawlu. Infatti................;

Illi fatt dawn iċ-ċirkustanzi jidher għalhekk illi l-atturi, *meta rċevew f'darhom, biex iżommuh għandhom, lil Joseph*

---

(*) **Konfermata fl-Appell, 23. 4. 1951.**

Manduca, ma kellhomx intenzjoni li jitħallsu għas-servigi li seta' jkollhom jipprestawlu, u għalhekk ebda kumpens ma huwa dovut lill-atturi, lanqas "officio judicis", għas-servigi li huma jippretendu li pprestaw lil Joseph Manduca fiż-żmien li dan k'en igħix magħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet;

T'ddeċidi billi tirrespinġi t-talba ta' l-atturi; imma tordna li m'nħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ l-ispejjeż jitħallsu terz mill-atturi, terz mill-konvenut, u terz mill-konvenuta.